MANDAT TA' INIBIZZJONI

NULLITA'

UZU TA' FORMOLA HAZINA

ISEM TA' RESTAURANT

PARTNERSHIP

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Erbgha 30 ta' Marzu 2016.**

**Rikors Numru: 358/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 358/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Maria Rosaria Fifi (K.I.195989M)**

**vs**

**Sean Xuereb Conti (K.I. 248787M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikorsipprezentata mir-rikorrenti Maria Rosaria Fifi datat 7 ta' Marzu 2016 (**K.I. 195989M)** fejn talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm l-intimat fl-ewwel lok milli jkompli jezercita l-kummerc bl-isem "*JUS Dine and Wine"* u *JUS Caterers,* fit-tieni lok milli jkompli juza' u jezercita l-kummerc bin-numru tat-taxxa fuq il-valur mizjud MT 214334, u fit-tielet lok milli jopera u jezercita l-kummerc ghan-nom tas-socjeta` *JUS Caterers* u/jew bhala socju/shab mar-rikorrenti in kwantu r-rikorrenti m'ghadhiex socja mal-intimat fin-negozju li kienu joperaw flimkien bil-konsegwenza li tali agir qieghed jippregudikaha gravament.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-16 ta' Marzu 2016; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju utlerjuri, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Sean Xuereb Conti datata 11 ta' Marzu 2016.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta 16 ta' Marzu 2016 fejn, meta ssejjah ir-rikors, deher Dr Umberto Borg Cardona u Dr Jonathan Abela Fiorentino ghar-rikorrenti u Dr Franco Galea ghall-intimat, il-partijiet prezenti fl-awla. Il-partijiet ivverbalizzaw qbil fuq in-numru tal-VAT MT21434334 fejn gie vverbalizzat li r-responsabbilita' tar-rikorrenti ghandha tkun limitata sad-data tal-10 ta' Frar 2016 u wara dik id-data r-rikorrenti m'ghandha jkollha l-ebda responsabbilita' fir-rigward ta' transazzjonijiet li saru wara dik id-data.

Inoltre gie vverbalizzat li l-intimat mhuwiex ser jaghmel uzu u m'ghandu l-ebda interess li jaghmel uzu mill-isem *JUS Caterers.*

*In vista* ta' dak verbalizzat ir-rikorrent irtirat it-talbiet rispettivi.

Inoltre l-partijiet ddikjaraw li l-kontijiet bankarji tas-socjeta' u l-flus fl-istess kontijiet ghandhom jigu rilaxxjati biss bil-firem u l-kunsens taz-zewg partijiet. Huma intrabtu li minnufih iwaqqfu kwalsiasi *standing order* li huma u/jew familjari taghhom kellhom fuq l-istess kontijiet u qablu wkoll li mill-kontijiet u mill-fondi hekk depozitati jhallsu b'mod immedjat il-pendenzi tal-VAT sad-data tal-10 ta' Frar 2016.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ddiferiet ir-rikors ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni r-rikorrenti irtirat it-talbiet taghha fir-rigward tal-uzu tal-isem *JUS Caterers* u l-uzu tan-numru ta' registrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT).

Illi ghalhekk fadal li din il-Qorti tikkonsidra t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimat jigi inibit milli:

i) jkompli jezercita l-kummerc bl-isem "*JUS Dine and Wine*";

ii) milli jopera u jezercita l-kummerc ghan-nom tas-socjeta' *JUS Caterers Limited* u/jew bhala socju/shab mar-rikorrenti.

L-intimat oggezzjona ghat-talbiet billi ressaq eccezzjonijiet procedurali kif ukoll sostantivi. Fl-ewwel lok issolleva n-nullita' tal-mandat. Jghid li t-talba tar-rikorrenti hija likwidabbli f'somma jew f'ammont ta' flus u ghalhekk kellha tipprezenta din it-talba bil-formola appozita kontemplata fl-iskeda B tal-Kap.12 ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghall-kreditu li tizboq €11,646.86 (Formola nru 25); inoltre li s-socjeta' li fformaw il-partijiet, li hija socjeta` ghall-skopijiet kummercjali, ma gietx registrata skont il-Ligi *ad validitatem*; li t-talbiet odjerni ma jissoddisfawx ir-rekwiziti rikjesti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Fatti**

Illi l-fatti rilevanti ghat-talbiet huma s-segwenti.

Il-partijiet iffirmaw skrittura privata datata l-14 ta' Settembru 2013 fejn ifformaw socjeta` (*partnership)* biex jikkonducu negozju mill-fond bin-numru tlettax (13) li kellu jinghata l-isem "*JUS",* f'Main Street Attard. F'dan il-ftehim hemm stipulat is-segwenti:

(2) *The partnership will continue until at least ONE partner is alive and not more than one Partner has retired.*

*(3) The partnership name is to be JUS Caterers.*

*(25) Any partner may retire on the expiry of not less than three (3) months notice after having given such notice to the other Partner. Provided that NO partner may retire or withdraw his/her investment before the expiry of two (2) years which starts running from the Commencement date.*

Irrizulta fit-trattazzjoni li l-*cut off date* stabbilit bi qbil bejn il-partijiet huwa l-10 ta' Frar 2016.

Inoltre l-partijiet waqqfu l-*istanding orders* li kellhom fuq il-kont bankarju kongunt tan-negozju u diga hadu passi fuq il-media socjali permezz ta' *Facebook* biex jaghtu l-informazzjoni mehtiega li qed joperaw wahidhom u mhux izjed bi shab. Inoltre l-fornituri / kredituri ukoll gew infurmati b'dan il-kambjament.

## *Lanzjani principali*

Huwa risaput li r-*restaurant* inghata l-isem *Jus Dine and Wine.* Jirrizulta wkoll li z-zewg kontendenti jghidu li jezercitaw il-professjoni ta' *chef.*

Ir-rikorrenti ressqet diversi lanjanzi kontra l-amministrazzjoni finanzjarja tal-intimat principalment li jikkoncernaw l-esposizzjoni taghha ghad-dejn tan-negozju li tghid l-intimat kien qed jiggestixxi hazin. Minhabba f'dan fit-30 ta' Jannar 2016 ghazlet li tezercita l-jedd taghha li tohrog u tittermina s-socjeta' minn ma' l-intimat.

Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li tista' ssofri pregudizzju jekk l-intimat ikompli fin-negozju billi tista' tibqa' esposta ghall-kredituri u ghad-djun iggenerat mill-intimat wahdu. Tghid li dan jista' jitfa' dell fuq il-professjonalita' taghha bhala *chef* billi isimha baqa' marbut mas-socjeta' imsemmija mentri llum hi qed tahdem fi stabbiliment iehor.

Illi dan gie indirizzat *in parte* bil-verbal redatt *seduta stante* fejn il-partijiet qablu fuq *cut off* date ghall-fini tar-responsabbilita' tar-rikorrenti u anke ftehmu fuq l-amministrazzjoni tal-kont bankarju kongunt tan-negozju.

Ghandu jinghad ukoll li dawn l-allegazzjonijiet gew respinti mill-intimat u saru allegazzjonijiet mill-partijiet vicendevolment.

**Nullita' ta' Forma**

Il-Qorti fl-ewwel lok ser tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni ta' nullita' ssollevata mill-intimat.

Ir-rikorrenti ghazlet li titlob il-hrug ta' Mandat taht **l-artikolu 873 tal-Kap.12** mhux fit-termini **tal-artikolu 874 tal-Kap.12.**

Gie ritenut li b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwistjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[1].

Biex att ġudizzjarju jkun bla siwi jew irritu, irid jintwera li tkun tgħodd xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-**artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fil-każ tal-lum, l-argument msemmi mill-intimat jinbena fuq l-**artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap. 12**. li ggib in-nullita kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

Huwa minnu li r-rikorrenti uzat il-formola marbuta mal-**artikolu 873(1)(2) tal-Kap.12**. Skont l-**artikolu 1007 (1) tal-Kap. 12** fil-qrati superjuri, l-atti kollha għandhom jiġu

---

[1] App. Ċiv. 11.5.1962 fil-kawża fl-ismijiet "Sammut vs Sammut et" (Kollez. Vol: XLVI.i.242)

magħmula skont il-formoli miġjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodiċi.

Dan premess jigi sottolinejat li r-rikorrenti qed titlob li l-intimat jigi inibit milli jaghmel certu atti. Jista' jkun li t-talba taghha tista' eventwalment tissarraf f'talba ghar-risarciment ghad-danni kontra l-intimat, imma b'hekk ma jfissirx li l-mandat odjern huwa null, semmai li l-pregiudizzju soffert jista' jkun rimedjabbli bi proceduri xort'ohra. Essenzjalment qed titlob li l-intimat jigi inibit milli juza isem ta' kummerc u milli jkompli jezercita' l-kummerc u dawn it-talbiet jinkwadraw legittimament fl-ambitu tal-artikolu 873 tal-Kap.12.

Inoltre gie ritenut mill-qrati taghna li l-fatt li r-rikorrent jinqeda b'formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni "*ġenerali" minflok dik partikolari "ma twassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att. Ta' min jisħaq li l-formola taħt l-artikolu 874 hija biss waħda minn suriet partikolari maħsuba mil-liġi fl-għamla tal-Mandat ta' Inibizzjoni, iżda ma hemm imkien li kreditur ma jistax jinqeda bil-Formola "ġenerali" tal-Mandat biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu."* Inoltre *"ladarba r-rikorrent ikun għażel li jinqeda bil-Formola "ġenerali", jkun tefa' fuqu l-piż li jissoddisfa l-elementi kollha meħtieġa biex jikseb il-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub, ħaġa li ma jkollux għalfejn jagħmel li kieku jkun għażel li jinqeda bil-Formola taħt l-artikolu 874."*[2] Il-qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Jigi notat ukoll li l-intimat naqas li juri l-pregiudizzju li jista' jsofri minhabba l-uzu ta' formola minnflok ohra skont dak rikjest mill-imsemi **artikolu 789(1)(c) tal-Kap.12.**

---

[2] **L-Avukat Anthony Galea noe v Adrian Agius** (PA (JRM) -31 ta' Lulju 2014).

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**Registrazzjoni tas-Socjeta'**

Illi l-istess intimat issolleva n-nullita' tal-ftehim billi is-socjeta' ma gietx registrata debitament mal-MFSA skont il-Ligi. Fil-fehma tal-Qorti, n-nullita' *o meno* tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ghandha tibqa' ghall-indagni dovuta mill-Qorti kompetenti fi stadju ulterjuri.

Ghal fini ta' dan il-mandat huwa bizzejjed ghall-Qorti li tikkonsidra li sar ftehim bejn il-partijiet dwar gestjoni ta' negozju u l-uzu tal-isem. Dan il-ftehim inghata effett mill-kontraenti. B'hekk certament inholqu relazzjonijiet giuridici bejn il-partijiet bejniethom u ma' terzi li jridu jigu identifikati, valutati u rizolti.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**Dritt**

Illi kif gja premess il-hrug ta' dan il-Mandat qed jintalab fit-termini **tal-artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap. Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[3] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[4] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Hu pacifiku li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **(Grech proprio et nomine vs Manfre)** fuq citat b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux

[3] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010.
[4] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*"** P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

**Jedd *'Prima Facie'***

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

Jirrizulta mit-trattazzjoni li l-qofol tal-vertenza bejn il-partijiet huwa l-uzu tal-isem *JUS Dine and Wine* li huwa l-isem tar-*restaurant* f'H'Attard.

Jirrizulta li l-partijiet kienu joperaw *restaurant* b'dan l-isem flimkien, liema *restaurant* baqa' jopera wara l-irtirar tar-rikorrenti mis-socjeta'. Ir-rikorrenti tippretendi li ghandha dritt twaqqaf lill-intimat milli jkompli juza l-isem tar-*restaurant*. Tghid li l-kwistjoni hija wahda ta' reputazzjoni billi llum il-gurnata tahdem f'*restaurant* iehor. Inoltre billi dan l-isem huwa assocjat maghha, ma tridx li tibqa' tigi assocjata ma' *restaurant* fejn m'ghadhiex tahdem u fejn m'ghad ghandha l-ebda kontroll.

L-intimat, filwaqt li kien dispost li jivverbalizza, u difatti hekk ghamel, li m'ghandux interess li jkompli jopera bl-isem *JUS Caterers,* ma weriex ruhu hekk dispost fir-rigward tal-isem tar-*restaurant* u, difatti, baqa' jopera r-*restaurant* b'dan l-isem.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ir-rikorrenti ma irnexxielhiex tipprova li ghandha jedd *prima facie* biex twaqqaf l-uzu tal-isem tar-*restaurant*. Lanqas ma ressqet prova biex issostni t-tezi taghha li l-isem tar-*restaurant* huwa assocjat mal-operat taghha in esklussiva jew sahansitra li l-intimat qed iwaqqa' r-reputazzjoni tar-*restaurant* b'tali mod li per assocjazzjoni, qed iwaqqa' il-bon nom taghha, liema prova forsi setghet tikkonvinci lil din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni differenti.

Ikkonsidrat li l-isem huwa intrinsikament marbut mal-avvjament tar-*restaurant* imwaqqaf mill-partijiet konguntivament, fl-interess mhux biss taghhom personali imma tal-istess socjeta' li kkrejaw. Il-fatt li r-rikorrenti ghazlet li twaqqaf il-partecipazzjoni taghha ma jfissirx li tista' unilateralment twaqqaf in-negozju hesrem u timmina l-avvjament tieghu billi tinnewtralizza l-isem li jidentifika dak ir-*restaurant* mill-kompetituri tieghu. Fil-fehma tal-Qorti l-isem ghandu valur intrinsiku tieghu u f'dan l-istadju huwa wiehed mill-assi tan-negozju li ghad irid jigi likwidat.

Ghalhekk taqbel mal-intimat meta jghid li r-reputazzjoni tar-*restaurant* illum, bl-isem *JUS Dine and Wine,* huwa frott tal-operat taz-zewg partijiet u t-tnejn ghandhom dritt fuq dan l-isem.

Ghalhekk in kwantu li t-talba odjerna tolqot l-isem tar-*restaurant*, din il-Qorti jidrilha li r-rikorrenti ma rexxielhiex tipprova fuq bazi *prima facie* l-jedd minnha vantat.

F'dak li jirrigwarda t-tielet parti tat-talba tar-rikorrenti, cioe`, li l-intimat jigi inibit milli jopera u jezercita l-kummerc ghan-nom tas-socjeta` *JUS Caterers* u/jew bhala socju/shab mar-rikorrenti, ikkonsidrat li gie vverbalizzat, bi qbil bejn il-partijiet li l-intimat mhuwiex ser jaghmel uzu u m'ghandu l-ebda interess li jaghmel uzu mill-isem *JUS Caterers.* Gjaladarba gie hekk ivverbalizzat, isegwi li l-intimat mhuwiex ser ikompli jinnegozja ghan-nom ta' dik l-istess socjeta` ghaliex dan ta' bilfors jinnecessita l-uzu tal-imsemmi isem.

Fil-fehma tal-qorti r-rikorrenti ghandha interess li twaqqaf lill-intimat milli jkompli jinnegozja ghan-nom tat-tnejn u tottjeni ordni f'dan is-sens li jista' issalvagwardaha kontra terzi. Ghalhekk l-element ta' dritt *prima facie* jirrizulta soddisfatt.

**Irrimedjabbilita'**

L-element ta' irrimedjabbilita' jissussisti wkoll f'dak li jirrigwarda n-negozjar imsemmi. Ghalhekk id-dritt tar-rikorrenti ghal sehemha mis-socjeta` jissarraf f'kumpens ghall-valur ta' dan is-sehem, u ghandha dritt li tikkawtela kontra l-operat unilaterali tal-intimat fejn tali operat qed jidher li qed isir ghan-nom taghha wkoll. Huwa minnu li jkollha dejjem dritt ta' rivalsa kontra l-intimat f'kaz li tkun rinfaccjata minn kreditur tas-socjeta', izda din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi attwali lanqas ghandha tkun esposta ghal tali periklu.

Ghalhekk il-Qorti ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament sabiex l-intimat jigi inibit milli jopera u jezercita l-kummerc

ghan-nom tas-socjeta` *JUS Caterers* u/jew bhala socju/shab mar-rikorrenti.

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, u semghet it-trattazzjoni, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba biss in parti u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat u tinibih milli jopera u jezercita l-kummerc ghan-nom tas-socjeta` *JUS Caterers* u/jew bhala socju/shab mar-rikorrenti.

Kull parti thallas l-ispejjez tieghu/taghha.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2016.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2016.**